MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 499/1998/1

**Victoria Spiteri mart Aldo Spiteri f' isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedhom minuri Donatella u Matthew Spiteri**

**vs**

**Aldo Spiteri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Marzu 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu f'Malta u miz-zwieg taghhom kellhom erbat (4) itfal u cioe Donatella, Christian, Warren u Matthew, ahwa Spiteri;

Illi peress li l-hajja konjugali saret impossibbli minhabba adulterju, eccessi, sevizzi, minacci w ingurji gravi kommessi kontriha mill-konvenut, u minhabba li tkissret irrevokabilment;

Illi peress li ghal dawn ir-ragunijiet , l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civli sabiex tipprocedi f' dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dana skond Digriet moghti minn dik il-Qorti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) (Digriet Numru 1215/97) Dok. "A" kif debitament ipprorogat;

Illi, l-istess attrici tablet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Spiteri minhabba adulterju, eccessi, sevizzi, minacci w ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, jew minhabbal li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. It-tfal minuri fuq imsemmija jigu affidati lill-attrici salv kull provvediment xieraq ta' access li din il-Qorti jidrilha li ghandha tipprovdi fl-ahjar interess tal-minuri;

3. L-imsemmi konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici ghaliha u ghall-minuri ahwa Spiteri dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-Ligi b' dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti u jigi ordnat li l-manteniment hekk stabbilit jithallas lill-attrici direttament mill-employer tal-konvenut, liema manteniment ikun dikjarat u ordnat bhala pagabbli minn data li ghandha tigi stabbilita minn din l-Qorti sabiex tkopri arretrati dovuti lill-attrici *propio et nomine*;

4. Jigi applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed. )** *in toto* jew *in parte;*

5. Tigi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti

mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg prozjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, *okkorrendo* b' opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi tigi stabbilita' data li minnha l-konvenut jigi dikjarat li jkun iddekada minn sehem in kull akkwist tal-attrici, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha;

7. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju lilu prefiss jivvaka d-dar matrimonjali u tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar *ad eskluzjoni* tal-konvenut;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri nkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili – kontra l-konvenut, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta' xhieda a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 12 ta' Marzu 1998, a fol. 5 fejn talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tinnominaha kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri fl-atti tal-kawza premessa u fl-atti kollha relattivi, konnessi u sussegwenti.

Rat ir-rikors datat 12 ta' Marzu 1998 u r-risposta tal-intimat datata 30 ta' Novembru 1998 u l-atti kollha relattivi mismugha mill-Onorevoli Imhallef Gino Camilleri u d-digriet ta' l-istess Qorti hekk presjeduta datat 15 ta' Marzu 2002.

Rat id-Digriet datat 16 ta' Marzu 1998, fejn il-Qorti ordnat in-notifika b' erbat (4) ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-rikors ta' Victoria Spiteri datat 9 ta' Gunju 1998, fejn hi talbet umilment li din L-Onorabbli Qorti jogghobha tordna in-notifika tar-rikors taghha tat-12 ta' Marzu 1998

lir-ragel fir-residenza tieghu jew f' post iehor minnha ndikat wara l-hinijiet legali.

Rat id-Digriet tal-10 ta' Gunju, 1998, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbali tas-6 ta' Mejju, 1999 u tat-13 ta' Lulju 1999 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Aldo Spiteri, datata 12 ta' Novembru 1999, a fol. 24, fejn ecipixxa:-

1. Illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress illi z-zwieg tal-eccippjenti ma' martu l-attrici thassar unikament minhabba l-attrici;

2. Illi t-talba tal-attrici sabiex it-tfal minuri Donatella, Christian, Warren u Matthew jigu affidati lill-attrici ghandha tigi michuda wikoll u dana peress li l-atteggjament tal-attrici huwa wiehed li certament jaghti skandlu lill-imsemmija minuri u dana minhabba relazzjonijiet numeruzi li l-attrici jkollha ma' rgiel ohra;

3. Illi rigward it-talba tal-attrici ghall-manteniment l-eccipjenti jissottometi illi l-attrici tahdem u ghandha impieg u ghalhekk ma' ghandu jkun dovut ebda retta alimentari lill-attrici. Illi dwar il-minuri dawn uhud minnhom jghixu mal-eccipjenti u l-konvenut missierhom jahseb ghall-bzonnijiet kollha tal-imsemmija minuri;

4. Illi l-eccipjent jissottemetti illi d-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed)** ghandhom jigu applikati *in toto* jew *in parte* kontra l-attrici stess;

5. Illi l-eccipjenti jaqbel li l-kommunjoni tal-akkwisti ghandha tigi xolta u likwidata;

6. Illi l-eccipjent jisottometti li t-talba tal-attrici sabiex huwa jivvaka mid-dar matrimonjali u tghix fid-dar l-attrici ad eskluzzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda u dana peress illi kienet propju l-attrici li ddecidiet li titlaq mid-dar

matrimonjali u dana sabiex hija tkun tista tghix hajja libera fir-relazzjoni ma' rgiel ohra kif ser jirrizulta mill-provi;

7. Illi salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjazazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 25 u 26 tal-process.

Rat il-verbal datat 17 ta' Jannar 2000, fejn din il-Qorti diversament presjeduta nnominat lill Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju. Dr. Angelo Farrugia ta ruhu b' notifikat bir-rikors tat-12 ta' Jannar 2000 *seduta stante* u kellu jaghmel risposta fi zmien gimgha. Ir-rikors imsemmi kellu jinstema' mill-Qorti separatament mill-kawza fis-6 ta' Marzu 2000.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi datati 3 ta' April 2000, 12 ta' April 2000 u 24 ta' Mejju 2000 minn fol. 40 sa fol. 51.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 12 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal datat 29 ta' Mejju 2000, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi datati 15 ta' Gunju 2000, 13 ta' Lulju 2000 u 8 ta' Novembru 2000 minn fol. 53 sa fol. 57.

Rat il-verbal datat 29 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi datati 15 ta' Dicembru 2000, 21 ta' Marzu 2001 u 2 ta' Mejju 2001 minn fol. 59 sa fol. 62.

Rat il-verbal datat 21 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat il-verbal datat 19 ta' Settembru 2000.

Rat l-avvizz tal-Qorti datat 27 ta’ Marzu 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-18 ta’ Gunju 2002.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Gunju 2002, fejn il-kawza giet differita biex l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi tespleta l-inkarigu sad-differiment li jmiss.

Rat in-nota tal-attrici datata 2 ta’ Dicembru 2002, a fol. 74, li permezz taghha prezentat l-affidavit ta’ Joseph Gera.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi, datata 16 ta’ Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-attrici, datata 13 ta’ Jannar 2003, a fol. 79, li premezz taghha prezentat l-affidavit ta’ Simon Micallef.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbal datat 29 ta’ Jannar 2003, fejn il-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors tal-attrici datat 7 ta’ Frar 2003, fejn talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tirriapunta l-kawza fl-ismijiet premessi billi tpoggiha fuq il-lista tal-kawzi sabiex l-istess tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet datat 11 ta’ Frar 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici biex permezz ta’ nota guramentata fi zmien erbghat (4) ijiem tiddikjara xi provi fadlilha bl-affidavit jew *viva voce.*

Rat in-nota tal-attrici datata 14 ta’ Frar 2003.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fis-7 ta’ April 2003, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attrici hamsin (50) gurnata sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista’ permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat id-digriet nota gurmanetata moghti wkoll lill-attrici fis-7 ta’ April 2003 fejn giet mitluba telenka fil-qasir il-pretensjonijiet taghha, bin-notifika tal-kontro-parti li wkoll

permezz ta’ nota gurmentata ghandha tindika fejn ma taqbilx.

Rat in-nota tal-attrici datata 25 ta’ Gunju 2003, a fol. 115, li permezz taghha prezentat l-affidavit ta’ Sister Joan Garner u l-affidavit ta’ Rita Galea.

Rat id-digriet datat 18 ta’ Lulju 2003, fejn il-Qorti nutat li n-nota guramentata ma gietx prezentata u ghalhekk f’ dan l-istadju astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Rat ir-rikors datat 18 ta’ Settembru 2003, fejn il-Qorti nominatat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha attrici sa Novembru 2003 u zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenut sal-ahhar ta’ Frar 2004 u appuntat il-kawza ghas-smigh ghat-30 ta’ Marzu 2004.

Rat ir-rikors tal-konvenut Aldo Spiteri datat 21 ta’ Mejju 2003, fejn talab umilment lil din l-Qorti biex tordna li hu ma jhallasx ebda manteniment ghal martu w ulied *stante* li gia qed jitrabbew minnu.

Rat id-digriet datat 22 ta’ Mejju 2003, fejn il-Qorti ordnat digriet tal-affidavit tal-konvenut, ordnat lill-konvenut biex permezz ta’ nota fil-qasir jindika l-introjtu attwali tieghu b’ dokumenti relattivi w ukoll konferma bil-gurament li l-istess minuri qed jghixu mieghu u dan fi zmien erbat (4) ijiem. Il-Qorti ordnat ukoll in-notifika tal-istess digriet, rikors u nota lill-kontroparti bi zmien erbat (4) ijiem ghar-risposta guramentata, li fiha tindika kull imjieg u kull introjtu taghha.

Rat id-digriet tal-affiavit moghti fit-22 ta’ Mejju 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-konvenut erbghin (40) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista’ permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 10 ta’ Gunju 2003.

Rat in-nota tal-attrici datata 20 ta’ Awissu 2003.

Rat id-digriet datat 22 ta’ Awissu 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut biex jipprezenta l-affidavit kollha tieghu skond id-digriet vigenti u cahdet it-talba.

Rat in-nota tal-konvenut datata 28 ta’ Awissu 2003.

Rat in-nota guramentata tal-konvenut, datata 28 ta’ Mejju 2003.

Rat in-nota tal-konvenut datata 28 ta’ Awissu 2003, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu, ta’ Lucia Bartolo u ta’ Isabella Attard.

Rat in-nota tal-attrici datata 10 ta’ Novembru 2003, a fol. 147, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, li jinsab minn fol. 148 sa fol.154 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma qudddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, datati 18 ta’ Novembru 2003, 14 ta’ Jannar 2004 u 4 ta’ Frar 2004, minn fol. 160 sa fol. 166 tal-process.

Rat il-verbal datat 30 ta’ Marzu 2004, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici biex tipprezenta nota bil-pretenzjonijiet taghha fi zmien tlettin (30) gurnata bin-notifika lill-kontro-parti li jkollu tlettin (30) gurnata biex jiddikjara fejn u ghaliex ma jaqbilx.

Rat in-nota tal-attrici datata 30 ta’ April 2004.

Rat in-nota tal-konvenut datata 14 ta’ Gunju 2004.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Gunju 2004, fejn il-Qorti giet infurmata li l-unika problema hija fuq il-manteniment tal-mara. Il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Novembru 2004 ghas-sentenza.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza tat-18 ta’ Novembru 2004.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet fejn l-konjugi kellhom erbghat itfal, tnejn minnhom illum huma maggorenni.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta lil din il-Qorti li gie ppruvat bl-iktar mod car u ezarienti li l-konvenut kien hati ta' din il-firda personali peress li tul iz-zmien li l-istess attrici damet tghix taht l-istess saqaf mieghu huwa haqar severament lill-martu tant li f'Gunju 1997 l-istess attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali peress li giet serjament mhedda mill-konvenut anke b'sikkina.

Illi fil-fatt ix-xhieda kollha attrici hija kkoroboratha minn diversi xhieda u dokumenti esebiti, fejn il-Qorti thoss li l-attrici irnexxielha tipprova dak li hija allegat fic-citazzjoni taghha u cjoe' li l-konvenut huwa l-kawza ta' din is-separazzjoni. Dan ghaliex jirrizulta, kemm lil din il-Qorti, kif kien gja kien irrizulta lis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri, li l-istess konvenut ibati mill-vizzju ta' l-alkahol, izda wkoll li diversi drabi severalment hedded, u refa' idejh fuq l-attrici, u anke ingurja gravament. Fil-fatt din il-Qorti thoss li gie definittivament ippruvat li l-attrici hija vittma ta' vjolenza domestika u jidher car li hemm bzonn ligi cara kriminali dwar l-vjolenza *stante* li dan il-kaz juri li ghad ma' hemm verament il-mezzi la sabiex il-vittmi jigu prottetti u lanqas sabiex min jipperpetwa dan l-agir jigi penalizzat.

Illi in tant jidher li fl-ewwel lok kif inghad il-konvenut diversi drabi aggredixxa lill-attrici, anke billi refa' idejh fuqha, anke meta kien xurban; dan jirrizulta ppruvat anke minn diversi rapporti li saru mill-attrici mal-pulizija, whud minnhom esebiti minn fol. 28 sa 39 tal-process minn Dok. "JB1" sa "JB 8", liema rapporti gew ukoll ikkonfermati mix-xhieda ta' P.C. 126 Josianne Buttigieg tal-15 ta' Dicembru 2000 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja a fol. 59 u 60 tal-

process; hija wkoll ikkonfermat mir-rapport tas-*social worker* Marika Sacco fir-rapport taghha datat 4 ta' Settembru 1997 a fol. 27 tal-process – Dok. "VS 1" u wkoll mir-rapport ta' Manuel Mangani datat 20 ta' Awissu 1997 a fol. 67 tal-process (ghalkemm din il-Qorti ma' taqblx necessarjament mar-rakkomndazzjonijiet ta' l-istess). Fil-fatt jidher li fl-istess rapport l-konvenut ammetta biss li ghal xi zmien kien refa' idejh fuq martu. Apparti dan kollu hemm ukoll certifkat mediku datat 17 ta' Gunju 1997 esebiet bhala Dok. "VC 1" a fol. 72 tal-process u wkoll ix-xhieda ta' Joseph Gera, Simon Micallef u ta' Sister Joan Garner,(liema xhud xhdet ukoll dwar it-tbengil li kellha fuqha l-attrici), ta' Rita Galea u ta' Emmanuel Portelli bhala *social worker* mill-Agenzija Appogg, li wkoll xhedu dwar l-effetti li dan it-trattament tal-konvenut kellu fuq l-attrici fil-hajja taghha u psikologikament.

Illi l-istess jista' jinghad dwar il-vizzju tax-xorb tal-konvenut, li anke jinsab identifkat mir-rapporti tas-*social workers* fuq indikati. Pero' mhux biss izda jidher li l-Qorti stess fid-digriet taghha tas-Sekond'Awla tal-Qorti datat 23 ta' Ottubru 1997, hekk kif presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri, imponiet fuq il-konvenut l-obbligu li l-konvenut *"jfittex ghajnuna professjonali ghall-problema ta' alkohol li jirrizulta li ghandu li jaghmel hiltu sabiex inaqqas jew ahjar jelimina d-dipendenza psikologika li ghandu fil-prezent fuq l-alkohol".* (Dok. "SA 1" - fol. 71).

Illi dan kollu juri l-karattru tal-konvenut li jirrizulta li minkejja din l-ordni u wkoll li din il-kawza ilha pendenti iktar minn seba' (7) snin huwa ma' ghamel xejn dwar dan, izda mhux biss izda ghalkemm kien ordnat fl-istess digriet li jhalli lill-attrici terga' tirritorna d-dar sabiex hija wkoll tkun tista' tghix fiha flimkien ma' uliedha u wkoll mal-konvenut, l-istess konvenut ma' hallix lill-attrici taghmel xejn minn dan anzi fil-fatt heddidha, u wkoll biddel is-serratura sabiex jassigura ruhhu li l-istess attrici ma' tirritornax lura fid-dar konugali; b'hekk ukoll irnexxielhu adirittura jisparpalja familja shiha u mhux biss, izda ra' li kif ghamel sabiex huwa jibqa' jghix fid-dar konjugali, u lill-attrici halliha tghix f'post li ma' kienx adattat sabiex jghixu nies,

inkluza l-attrici u l-minuri, u jidher car li f'dan ir-rigward l-istituzzjonijiet kollha li hawn fil-pajjiz naqqsu li jaghtu protezzjoni adegwata lill-attrici. Hija thalliet f'din il-kondizzjoni ghal zmien twil sakemm fl-ahhar u fil-mori tal-kawza giet moghtija mill-Awtorita' tad-Djar il-fond Block 3. Flat 1, Triq Carlo Darmanin, Kirkop fejn attwalment l-istess attrici llum tirresjedi.

Illi apparti dan kollu jirrizulta li l-istess konvenut kien hati wkoll ta' adulterju fil-konfront tal-attrici u certament kellu, anke fil-mori ta-kawza relazzjoni ma' Monica Gera nee' Bonello, kif l-istess Joseph Gera r-ragel tal-imsemmija mara xhed ukoll permezz tal-affidavit tieghu datat 27 ta' Novembru 2002, li effettivament iktar milli jikkonferma u jikkorroborha dak li xehdet l-attrici. Hemm ukoll ir-ritratt fil-gazzetti esebiet a fol. 77 tal-process li jikkonferma din ir-relazzjoni li l-istess konvenut kellu ma' din il-mara.

Illi fl-ahharnett jirrizulta wkoll li fid-dikjarazzjoni tieghu man-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u anke fix-xhieda tieghu sostna li l-attrici kellha relazzjonijiet ma' hafna rgiel, izda l-minimu ta' provi dwar l-istess ma ingabhux, u din il-Qorti thoss li din l-allegazzjoni hekk migjuba mill-konvenut fil-konfront tal-attrici ma hija xejn hlief ingurja gravi. Apparti minn dan jirrizulta li l-konvenut kwazi tul il-kawza kollha naqqas li jmanti mill-attrici u lill-ulied li kienu qed jghixu maghha, u dan minkejja d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u fil-fatt l-istess konvenut jammetti dan fix-xhieda li huwa ta quddiem l-Onorevoli Imhallef Gino Camilleri.

Illi dwar l-allegazzjonijiet l-ohra tal-konvenut din il-Qorti ma' thossx li dawn gew minimament ippruvati u allura l-konkuzzjoni taghha hija li l-istess konvenut ghandu jigi mizmum unikament responsabbi ghall-firda personali bejn il-partijiet u dan minhabba adulterju, eccessi, sevizzi, minacci w ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, u li kawza tal-istess il-hajja konjugali saret impossi bbli u z-zwieg tkisser irrevokabilment.

Illi dwar il-kura u kustodja tal-minuri Warren u Mathew qed tigi fdata f'idejn l-omm, u dan minhabba li sallum jidher li l-

istess konvenut baqa' bil-vizzju tax-xorb. Din il-Qorti pero' jirrizultalha li l-istess minuri kellhom dejjem access ghall-istess missierhom minghajr ebda dannu partikolari ghalihom (dan fis-sens lat tal-kelma *stante* li l-agir tal-konvenut setgha kien hafna ahjar)  u jidher li l-istess minuri jixtiequ jaraw lill-missierhom u ghalhekk din il-Qorti takkorda access ghal Matthew mill-Gimgha fil-ghaxija (6.00.p.m.) sal-Hadd fil-ghaxija (6.00.p.m.) filwaqt li thalli f'idejn Warren meta u kemm jara lil missieru, b'dan pero' li tali access ghandu jigi mmoniterjat mill-Agenzija Appogg minhabba dak li inghad iktar il-fuq dwar il-kondizzjoni tal-konvenut. Donatella u Christian saru llum maggorenni.

Illi dwar il-manteniment tal-attrici, ghalkemm il-konvenut jallega li l-istess attrici ma' ghandhiex dritt ta' manteniment ghaliex hija tahdem, dan qatt ma' gie ppruvat minnu; ma hemm l-ebda dubju li l-istess attrici u binha l-minuri iz-zghir Mathew ghandhom dritt ta' manteniment u tenut kont tal-fatt li l-unika introjtu li gie effettivament ippruvat li jaqla' l-konvenut huwa dak ta' Lm300 fix-xahar, din il-Qorti qed tiffissa manteniment  ghall-attrici fl-ammont ta' Lm80 mensilment u s-somma ta' Lm60 fix-xahar bhala manteniment ghal binhom minuri Mathew, b'dan li din il-Qorti tordna li l-istess ammont ta' manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jinbaghat direttament lill-attrici fir-residenza attwali taghha, u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-istess *employer* tal-konvenut sabiex jaderixxi ruhhu ma' l-istess, tali notifika a spejjez attrici. F'dan is-sens ukoll tiddisponi mal-ahhar rikors tal-konvenut b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Illi l-Qorti tordna wkoll lill-konvenut sabiex ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment dovuti minnu lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghall-minuri skond id-Digriet tas-Sekond'Awla datat 23 ta' Ottubru 1997 – Digriet Numru 1266/97 u dan mill-istess data sad-data ta' din is-sentenza mil-liema ammonti ta' arretrati kkalkulati mid-data tad-digriet sad-data ta' din sentenza ghandhom biss jitnaqsu l-ammonti li thallsu mill-konvenut f'dan il-perjodu; l-ammont ta' Lm420 u Lm230 rispettivament kif indikati fin-nota ta' l-attrici datata 30 ta' April 2004.

Illi din il-Qorti tilqa' t-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom, u tiddikjara d-data meta l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi ddikjarata xolta hija dik ta' Gunju 1997. Illi ghal dak li huwa likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, minhabba c-cirkostanzi tal-kaz kif sviluppaw waqt il-mori tal-kawza, u senjament peress li fl-ahhar l-attrici giet assenjata fond mill-Awtorita' tad-Djar, din il-Qorti tordna li l-kera tal-fond 464A, Triq il-Mosta, Naxxar tigi assenjata lill-konvenut sabiex jghix fiha flimkien ma' uliedu; minn naha l-ohra l-lokazzjoni tal-fond Block 3, Flat 1, Triq Carlo Darmanin, Kirkop tigi assenjata lill-attrici sabiex hija tghix fiha flimkien ma' uliedha minuri.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti din il-Qorti *arbitro boni viri* tassenja lill-attrici l-oggetti kollha li gja jinsabu fil-pusesss taghha u l-ghamara tas-salott kompluta, bl-inkwadri, gradenza tal-mera u zewg imwejjed, posa umbrella, mejda zghira tat-telefon, linfa tal-*main bedroom*, sett ta' tlett *lampshades, jewellery box, ashtray*, vazun, fliskatur, statwa tad-duluri, u ritratti taghha u ta' uliedha li jinsabu fil-pussess tal-konvenut u fil-fond matrimonjali, u tordna ghalhekk lill-konvenut sabiex jikkonsenja l-istess oggetti lill-attrici f'terminu qasir u perentorju ta' tlettin (30) gurnata. Tordna wkoll lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) bhala kumpens ghal sehem l-attrici mill-valur tal-karozza Fiat Punto li tinsab f'idejn il-konvenut; L-istess konvenut qed jigi assenjat l-ghamara u l-mobbli kollha l-ohra li attwalment jinsabu fid-dar konjugali, u l-istess vettura Fiat Punto Reg. No. IBE 352, b'dan li kull dejn li jista' jkun hemm fuq l-istess vettura jibqa' a karigu tal-istess konvenut. Mill-bqija dak indikat ulterjorment fin-noti ta' osservazzjonijiet ta' kull parti ma huwiex surret mill-provi, lanqas b'dokumenti relattivi.

**KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-

konvenut inknwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad il-hames u s-sitt talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn premess, b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Spiteri minhabba adulterju, eccessi, sevizzi, minacci w ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici u li kawza tal-istess il-hajja konjugali saret impossibbli u z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Illi din il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Warren u Matthew jigu fdati f'idejn l-omm, b'dan li jkun hemm dritt ta' access mill-konvenut ghal Matthew mill-Gimgha fil-ghaxija (6.00.p.m.) sal-Hadd fil-ghaxija (6.00.p.m.) filwaqt li thalli f'idejn Warren meta u kemm jara lil missieru, b'dan pero' li tali access taz-zewg minuri ghandu jigi mmoniterjat mill-Agenzija Appogg minhabba dak li inghad iktar il-fuq dwar il-kondizzjoni tal-konvenut;

3. Tilqa' din it-tielet talba attrici biss fis-sens hawn premess b'dan illi tikkundanna lill imsemmi konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha is-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80) mensilment b'effett mid-data ta' din is-sentenza w is-somma ulterjuri ta' sittin lira Maltija (Lm60) fix-xahar bhala manteniment ghal binhom minuri Matthew, u dan permezz ta' pagamenti fir-residenza tal-attrici kull xahar bil-quddiem, b'dan li din il-Qorti tordna li l-istess ammont ta' manteniment kemm ghall-attrici u kemm ghall-istess minuri ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jinbaghat direttament lill-attrici fir-residenza attwali taghha, u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-istess *employer* tal-konvenut sabiex jaderixxi ruhhu mal-istess, tali notifika a spejjez attrici. Il-minuri Warren jirrizulta mill-provi li jahdem fil-waqt li l-ulied l-ohra tal-konjugi Spiteri saru llum maggorenni;

Illi l-Qorti tordna wkoll lill-konvenut sabiex ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment dovuti minnu lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghall-minuri skond id-Digriet tas-

Sekond'Awla datat 23 ta' Ottubru 1997 – Digriet Numru 1266/97 u dan bir-rati kif stabiliti fl-istess digriet u dawn l-arretrati ghandhom jigu kkalkulati mill-istess data tad-digriet hawn indikat sad-data ta' din is-sentenza, mill-liema ammonti ta' arretrati kkalkulati mid-data tad-digriet sad-data ta' din sentenza ghandhom biss jitnaqsu l-ammonti li attwalment thallsu mill-konvenut f'dan il-perjodu konsistenti fis-sommom ta' ebra' mija u ghoxrin lira (Lm420) u mitejn u tlettin lira (Lm230) rispettivament ghal iskadenzi ndikati fin-nota tal-attrici datata 30 ta' April 2004;

3. Tilqa' din it-talba u tordna li jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti kollha tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (1984 ed. )** *in toto;*

4. Illi din il-Qorti tilqa' t-talba r-raba' talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u tiddikjara d-data meta l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi ddikjarata xolta ghall-fini tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** bhala dik ta' Gunju 1997;

Illi ghal dak li huwa likwidazzjoni u xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti tordna li l-kera tal-fond 464A, Triq il-Mosta, Naxxar tigi assenjata lill-konvenut sabiex jghix fiha flimkien ma' uliedu maggorenni; minn naha l-ohra l-lokazzjoni tal-fond Block 3, Flat 1, Triq Carlo Darmanin, Kirkop tigi assenjata lill-attrici sabiex hija tghix fiha flimkien ma' uliedha minuri;

Illi dwar l-oggetti mobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti *arbitro boni viri* tassenja lill-attrici l-oggetti kollha li gja jinsabu fil-pussess taghha u l-ghamara tas-salott kompluta, bl-inkwadri, gradenza tal-mera u zewg imwejjed, posa umbrella, mejda zghira tat-telefon, linfa tal-main bedroom, sett ta' tlett *lampshades, jewellery box*, *ashtray,* vazun, fliskatur, statwa tad-duluri, u ritratti taghha u ta' uliedha li jinsabu fid-dar konjugali, u tordna lil-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja l-istess oggetti mobbli lill-attrici fir-residenza taghha;

Illi din il-Qorti tordna wkoll li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1, 000) bhala kumpens ghal sehma mill-valur tal-karozza Fiat Punto li tinsab f'idejn il-konvenut;

Illi min-naha l-ohra l-Qorti qed tassenja lill l-istess konvenut  l-ghamara u l-mobbli kollha l-ohra li attwalment jinsabu fid-dar konjugali u fil-pussess attwali tieghu, u l-istess vettura msemmija Fiat Punto Reg. No. IBE 352 b'dan li kull dejn li jista' jkun hemm fuq l-istess vettura jibqa' a karigu tal-istess konvenut;

5. Tichad din it-talba sabiex tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha u dan minhabba nuqqas ta' provi;

6. Tichad din it-talba sabiex tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju lilu prefiss jivvaka d-dar matrimonjali u tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar *ad eskluzjoni* tal-konvenut, u dan peress li llum jirrizulta li l-attrici ma' ghadx ghandha interess fl-istess talba;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------